MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru 237/2015

**Pulizija**

**Spettur Rene' Stivala**

**Vs**

**Thomas Spagnol**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Thomas Spagnol ta 40 sena, bin Anthony u Tessie nee' Vella, mwieled Pieta' fis-26 ta' Mejju 1974, residenti Flat 6, Blokk J, Qasam Hal-Tmiem, Zejtun u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 349174M;

Talli fis- 7 ta’ Frar 2015 f’dawn il-gzejjer;

1) Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, li ma gix esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;
2) Ried jaghti, jew ftiehem li jaghti jwe offra jew ippropona lil xi persuna ohra, direttament jew indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew tiftiehem li taghti jew toffri xi rigal jew kumpens lil xi player jew lil xi ufficjal jew organizzatur biex iahjaru jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh dan l-Att, ikun ghamel jew naqas milli jaghmel xi haga li, jekk issir jew tonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) jew (2) tal-Kap 263;
3) Talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati Malta, sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigbu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna li jietqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ukoll ghal multa ta' elfejn ewro (€2,000).

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------